


**Brian, ir-raba' mil-lemin, flimkien mal-parteċipanti l-oħra u uffiċjali tal-Corinthia wara li tqassmu t-trofej.**

# Il-ħolma ta' Brian issir realta'

● Waqt kompetizzjoni tas-sajd li ġiet organizzata ftit tal-ġranet ilu mill-club tas-sajd ta' Mister Fish ġewwa San Ġorg Corinthia, nista' ngħid li kelli waħda mill-isbaħ esperjenzi ta' ħajti.

Għal din il-kompetizzjoni ġew mistiedna jipparteċipaw żewġ persuni bi bżonnijiet speċjali u jiena offrejt li waqt il-kompetizjoni nuri lil wieħed minnhom kif jistad. Brian huwa persuna bi bżonnijiet speċjali li jattendi l-Iskola ta' Guardian Angel. Huwa ġie magħżul biex jipparteċipa minħabba li dejjem xtaq jistad iżda qatt ma ġietu l-opportunita'.

Dak in-nhar tal-kompetizzjoni ppreparajt ix-xolfa, il-qasab u dak kollu li kien hemm bżonn u qagħdt nistenna lil Brian jasal.

Kif wasal u resaq lejja mill-ewwel ħassejt li Brian huwa persuna verament speċjali. It-tbissima li kellu tixgħel fuq wiċċu li flimkien ma' l-id soda li offrieli meta ħadli b'idejja mill-ewwel ġibduni lejh.

Bdejna nistadu ftit ħafif b'sufrun biex b'hekk jidra l-qasba u r-reel, li mill-ewwel kien jidher li mhux se jkun hemm problem. Iżda l-ħut kien daqsxejn aktar diffiċli biex inqabad.

Għalhekk ippruvajna teknika oħra li mill-ewwel ħalliet ir-riżultati mixtieqa – tirda ta' 200 gramma. Inħallikom timmaġinaw kif xegħelu għajnejn Brian hekk kif ra din l-ewwel ħuta tinqata' minn ġo l-ilma. It-tbissima u r-reazzjoni tiegħu kienu xi ħaġa li qatt m'hu se ninsihom.

Emmnuni li qabżitli demgħa għal din il-persuna hekk innoċenti li kien kapaċi jifraħ tant b'xi ħaġa daqshekk żgħira. Komplejna nistadu għall-kumplament ta' l-għodwa u l-għajjat u l-ferħ tiegħu ma naqsu qatt. Fil-fatt ġbarna folla ta' nies madwarna li bdew jitgħaxqu jaraw lil Brian jifraħ b'kull ħuta li beda jtella'.



**Brian kuntent jistad.**

Ħafna minnha inkluż jien nieħdu l-ħajja wisq "for granted", mingħajr ma nirrealizzaw kemm fil-fatt aħna xxurtjati. Wara din l-esperjenza jien żgur li se nibda nħares lejn il-ħajja minn lenti differenti u ta' dan rrid nirringrazzja lil Brian u ngħidlu biex jiġi jistad miegħi meta jrid.– **Steve Johnson**

# Ikunu magħ
# l-finalisti ta

● Għada fil-Marsa jsir is-47 programm ta' l-
jispikkaw f'dan ikunu t-tliet semi-finali mil
għal Klassijiet E u F flimkien. Minn dawn joħ
għall-final.

It-tiġrijiet huma bilanċjati u għandhom joffru spettaklu b'diversi żwiemel ikkwotati jkollhom bilfors jiġu eliminati.

Fl-ewwel minn dawn jiġru: Hugo d'Ouzouer, Marcadet, Alvarez, Dix Mai, Comte de la Brosse, Nuclearphysics, Min Adonis u Merciless First.

Din l-ewwel semi-finali hija meqjusa bħala l-aktar tiġrija inċerta u qawwija. Diversi parteċipanti ġejjin minn tiġrijiet sbieħ bl-aktar wieħed li kiseb l-aktar ħin qawwi tal-kompetizzjoni jkun Dix Mai fejn ikun dan li jibda l-aktar favorit.

Hugo d'Ouzouer ukoll kellu wirja eċċellenti fil-heat il-ġimgħa l-oħra u għalhekk ukoll flimkien ma' Min Adonis li kien spiċċa fit-tieni post għada jibdew iffansjati għal post fil-final.

Fit-tieni waħda jiġru: Kanon Sund, Three Steps, Jargong Sund, Shanti Prema, Caprice du Bouzet, Mr. Schwartzkopf, Sugar Man u Ezoot Index. Tiġrija oħra mill-aktar interessanti bil-favorit f'din jibda Suger Man.

Minn din il-lista dan iż-żiemel jidher li għaddej mill-aħjar forma għalkemm ta' min jgħid li Jargong Sund li jibda ffansjat ħafna wkoll jippossjiedi l-aktar ħin veloċi.

F'din it-tiġrija wieħed jantiċipa wkoll li Kanon Sund għandu potenzjal biżżejjed ukoll biex jgħaddi għall-final.

Fit-tielet u l-aħħar semi-finali jiġru: Casper Vip, Danne Hof, Serano, Duc de Tesse, Denoso, Fight for Freedom, Jack Bowler u Apennin. Din l-aħħar semi-finali hija kkunsidrata bħala l-aktar waħda bilanċjata meta ma jidhirx li hemm xi żiemel superjuri aktar mill-ieħor.

L-għażla min-naħa tiegħi tmur

fuq Casp
For Free
ffansjati
distanza
ta' 2640
Fost i
issir wal
servata
fuq 164
F'din
du Ron
ment (d
Rosalin
(debutt
Nobil
Darby,
bes, Li
(debu
(debut
l-Fran
L-e
p.m.
**Por**
nhar l-
se tor
istaġu
chall
gorij

K
Bro
Ac
Sı
Se

**IL**

Pc
P